MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Awwissu, 2010

Numru. 866/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR TONY CACHIA**

**KONTRA**

**RICKY ABELA ta’ 28 sena, iben Paul Abela u Anna xebba Zammit, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-03.03.1982, residenti fil-fond 46, St Peter Street, Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 144482M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **RICKY ABELA** li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-21 ta’ Awwissu, 2010, ghall-habta ta’ 1pm, fi Triq l-Oratorju, Qormi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ fuq il-

vettura FBO 413 ta’ l-ghamla Maruti ghad-detriment ta’ Janet Grima;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, uza vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor biza’ li ser tintuza vjolenza u cioe’ kontra Janet Grima.

Rat l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat fl-istadju tal-prezentata, u dan wara li gie moghti zmien xieraq mill-Qorti sabiex jahseb fuq l-istess;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi Ricky Abela hati ta’ l-akkuzi hekk kif dedotti kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 325, 251, 251A, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,- u qieghda tikkundannah ghal sentejn (2) habs sospizi ghal erba’ (4) snin skond l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’dan illi l-imputat ghandu joqghod taht Ordni ta’ Supervizjoni ghal zmien sentejn (2), specjalment fejn si tratta l-abbuz tad-droga;
Qieghda tikkundannah ukoll ghal Ordni ta’ Restituzzjoni wara li l-Artikoli 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghall-hlas ta’ €1,260 lil Janet Grima;
Tordna wkoll il-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni skond l-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u kif ukoll hrug ta’ garanzija skond l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta a favur ta’ Janet Grima ghal zmien sena taht obbligazzjoni tieghu nnifsu ta’ €233.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------